# MIS-SAHRIET TA' SANTU WISTIN

## L-EWWEL LEJLA

## Imħabba Ibnija

Sa fl-aħħar hawn jien fuq il-baħar. Hiemda l-mewġa, safi s-sema, ħabib ir-riħ. Kollox iħabbar safra bis-sliem. Ftit jiem oħra u, jekk is-Sid ta' kollox ikun jogħġbu hekk, inkun mill-ġdid l-Afrika, nara mill-ġdid art twelidi. L-Italja qiegħda titbiegħed minni dejjem iżjed. Fid-dawl bajdani tal-qamar bil-kemm nista' nagħraf ix-xtajta li minnha tlaqna. Iżda oh, Italja... oh, dehra!.. oh, xtajta. Kif inħossni qiegħed nitqanqal għal għarrieda! kif qiegħed jarġa' jqum fija n-niket li kien intefa, u eħrex minn qabel! Imsejkna bnedmija! Għal ta' xejn fehemi (1) kellem lil qalbi u minnha biegħed kull dieqa. Jiena kont naħseb li l-ġerħa għamiqa ta' qalbi kienet ingħalqet; imma mill-ġdid hija miftuħa u qiegħda ddemmem. Alla ta' dejjem! x'ħajja f'did-dinja! Ir-ruħ hija mhejjija, iżda l-ġisem jagħfasna ma' l-art. Jiena nitħabat biex inżomm, jiena ma rridx, iżda diġa nħoss wiċċi kollu niedi bid-dmugħ; u lfiq li xejn ma rridu joħnoq il-leħni. Madankollu għandu wisq mill-ħaqq l-uġigħ tiegħi, għax lilek, ja ommi l-maħbuba, ma narġâx narak iżjed fuq il-wiċċ ta' dina l-art; qatt iżjed inti ma tara miegħi dina l-art li wilditek. Il-mistrieħ lilek, ja ġisem bla ħajja, is-sliem għalikom ja bċejjeċ berdin ta' min ġiebni fid-dinja; jiena nħallikom fl-art ta' l-Italja.

Aħfer, o Alla, aħfer lil din il-qalb ta' iben dan it-tferrigħ ta' dwejjaq. Inti taf x'omm jiena tlift. Din il-ħajja mewtija, li għandi minn għandha, hija l-iċken ħaġa fost dak kollu li hija tâtni. Oh! b'kemm ħsieb u għaqal hija fettxet mingħajr heda li twassalni fil-ħajja tas-sema. Bil-kemm kienet xirfet f'ruħi l-għodwa tal-fehem, li hija ma bdietx tmejjel lejk, ja Għid l-iżjed kbir tiegħi, il-ġibdiet li bdew jinbtu fija. Oh! kemm il-darba kuljum jiena tennejt bi tlaqliq ta' tifel li kont u wara l-kliem ta' ommi, ismek il-qaddis. Kemm-il darba wkoll, mingħajr ma kont nafek, tennejt dak li kont nisma'. mix-xuftejn ta' min reddagħni, u wegħedtek bi ħlusija ta' tifel, li nħobbok dejjem u qatt ma nħallik. Qarrieqi! tejn huma l-wiegħdiet wisq xierqa li għamilt? Jiena kbirt maż-żmien u flimkien sirt ieħor minn dak li kien imissni nkun. Hija żergħet mingħajr heda ġewwa

(1) Fehem=intellect.

fija ż-żerriegħa għażiża tal-virtujiet sbieħ. Iżda kienet tiżra f'art li xejn ma kienet tafhulha. Kull wast (1) hija ħaddmet b'imħabba l-iżjed tarja ta' omm biex tixgħel fija l-imħabba lejn il-liġi tiegħek qaddisa Imma ta' xejn. U met ı ratni mbiegħed minnek għal kollox u maqbud fix-xibka tal-għelt u tad-dnub, saru għajnejha żewġ xmajjar sħan tal-biki. Ebda omm, naħseb jiena, ma xerrdet dmugħ fuq il-qabar ta' binha l-waħdani daqskemm xerrdet hija fuq ix-xorti kiefra ta' ruħi maqtula bil-vizzji. Iż-żmien kollu (u dan kien biżżejjed bosta snin) li jiena bqajt imbiegħed minnek, ma kellux ħin wieħed ta' mistrieħ in-niket tagħha; donnu quddiem għajnejha kellha mhux il-binha imma l-ġisem mejjet tiegħu. Inti biss taf liema tnehid ħareġ minn dik il-qalb imnikkta. Ma temmetx darba x-xemx id-dawra tagħha tal-jum mingħajr ma hija ġiet fid-dar tiegħek qaddisa għal lanqas darbtejn, imqanqla minn teqwa (2) l-iżjed kbira lejk. Hawn, fil-waqt li kienet issir l-offerta tal-vittma bla tebgħa, li tât ħajjitha għad-dinja, flimkien magħha kienet toffrilek it-talb u l-ilfiq tagħha għall-ħelsien tiegħi Hawn, sewwa jekk kienet qiegħda tisma' bl-akbar ġabra l-kelma tar-Ragħaj, li jqassam lit-tajfa l-mergħa tal-ħajja, sewwa jekk miġbura f'sikta qaddisa kienet taħseb fuq il-veritajiet ta' dejjem, hija kellha dejjem quddiem għajnejha lili, dejjem kienet titlob ħniena u maħfra u għajnuna għalija. Ma ġiex darba l-jum ma niżilx darba l-lejl bid-dlamijiet fuq l-art, li l-ħitan tad-dar ma rawhiex mixħuta għal sigħat sħaħ quddiemek. Hawnhekk hija semmgħet ismi qalb l-lfiq u d-dmugħ, u talbet ħniena fuq l-egħmil ħażin tiegħi. Bid-dmugħ tagħha kienet l-art dejjem maħsula. B'liema qawwa hija talbet il-Qaddejja tiegħek l-iżjed magħrufa għal qdusija u għal għerf sabiex jeħelsuni mill-għelt ta' dak it-tagħlim, li s semm tiegħu mewwiet kien daħal f'qalbi? U nista' jien xi darba, omm bħal din, ma nkunx nafhulha jew ninsieha! Ah, le, ja omm għażiża! ma jkun qatt li jiena ninsa l-imħabba tiegħek ħaddiema, il-ħsieb tiegħek ħabrieki, in-niket aħrax li batejt għalija u kulma għamilt sabiex twassalni fil-ħdan ta' Alla. Għal dejjem nibqa' niftakar dak il-jum li jiena, nieqes minn kull ħars tal-bniedem, ħallejtek fuq ix-xtajta ta' l-Afrika. Imsejkna ommi! x'ma għamlitx, x'ma qalitx f'dak il-ħin mimli bl-imrar, sabiex iżżommni, sabiex taqla' minn għandi li għal lanqas tiġi warajja!

D. K. F.

(1) Wast=(mezz) means. Bil-wast=by means of.

(2) Teqwa=devotion;